MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Numru. 255/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**versus**

**Grazzio Camilleri**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoniji dedotta kontra Grazio Camilleri ta' 45 sena mwieled Ħaż-Żabbar fil-21 ta' Jananr 1962 iben Coronato u Pawla nee Zerafa residenti numru 48 Triq i-rRedentur Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 90462 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-8 ta' Diċembru 2006 kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta'

awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u met ama kienx bil-liċenja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-roga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dna bi ksur ta-regolament 9 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga nstabet **f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2007, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 904 tal-1962, il-fedina penali tal-imputat, in-nomina tal-espert Mario Mifsud (fol 10), l-istqarrija tal-imputat a fol 19, u r-relazzjoni tal-istess espert (fol 23).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Fit-8 ta' Diċembru 2006 l-imputat kien inqabad mill-Pulizija fl-area tal-Playing Fields ta' Ħaż-Żabbar fejn hemm il-Boċċi Klabb. F'żarbuna minnhom kellu erba' pakketti li kien hemm suspett li kellhom fihom sustanza illegali.

L-imputat kien twaqqaf minn PS 1355 Cleon Pursehouse li xehed dwar il-fatti kif ġraw a fol 15.  L-istess fatti xehed dwarhom PS 396 Saviour Baldacchino.(fol 24 u 25).

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat ma wieġeb għall-ebda mistoqsija.

L-Ispiżjar Mario Mifsud ikkonferma li l-erba' qratas kellhom is-sustanza eroina li kienu jiżnu 0.31 grammi

L-imputat xehed li l-pakketti kienu ntiżi għalih. Huwa qal li kien iqassam id-droga f'pakketti sabiex ma jagħmilx overdose. Huwa kien joħroġ filgħodu u jibqa' barra sa filgħaxija. Huwa kien xtara l-pakketti tnax-il lira (Maltija) kollha f'daqqa. Huwa qal ukoll li jekk kien ikollu erba' pakketti, kien jieħu erbgħa.

Fil-kontroeżami huwa qal li dak iż-żmien kien imur għall-methadone iżda l-Uffiċjal Prosekutur fiehem lill-imputat li l-imputat lanqas kien biss reġistrat għall-Methadone.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Il-Prosekuzzjoni ppruvat li l-imputat kellu erba' pakketti li kellhom piż kważi identiku kif juri r-rapport. L-imputat instab barra, qrib klabb tal-boċċi, u l-pakketti kienu moħbija fil-kalzetti.

L-imputat qal li hu kien drug addict u kien iqassam il-pakketti b'dan il-mod biex jevita overdose.

Il-Qorti għandha riservi qawwijin dwar l-ispjega mogħtija mill-imputat. Huwa ħafna diffiċli li temmen li l-imputat joqgħod jiġri barra l-jum kollu bid-droga fuqu biex kultant jieħu xi ftit. Imbagħad jinstab tefgħa ta' ġebla bogħod minn klabb tal-boċċi. Huwa stramb ukoll kif wieħed li qed jgħix bil-benefiċċju soċjali jmur jonfoq 12-il lira Maltija sabiex jaħraqhom f'jum.

Madankollu l-Qorti għad għandha dak il-'lurking doubt' dwar il-pussess, da part ital-imputat, b'intenzjoni għall-ispaċċjar.

Għaldaqstant, miknflok, qed issib lill-imputat ħati ta' pussess sempliċi li huwa reat kompriż u involut fl-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat it-Taqsmiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolament 9

tal-GN 292/1939 mhux qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih iżda minflok qed issibu ħati ta’ pussess sempliċi ta’ eroina liema reat huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni dedotta kontrih.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis il-fedina penali rafrettarja tal-imputat u għalhekk qed tikkundannah iħallas multa ta’ €585 liema multa trid titħallas fi żmien ħames xhur. Jekk ma titħallasx f’dan il-perjodu, din għandha tinbidel f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-espert li jammontaw għal €395.82 u li għandhom jitħallsu fi żmien xahrejn mil-lum.

Il-Qorfti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------